## 21 ta' Marzu, 1944.

**Imħallef :**

**L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Joseph Azzopardi** *versus* **Arthur Vella**

**Separazzjoni Personali — Self — Alimenti — Mara — Azzjoni "de in rem verso".**

*Meta l-mara tkun mifruda "de facto" mir-raġel mingħajr ma tkun tilfet id-dritt tagħha kontra żewġha għall-alimenti, hija tista' tissellef flus għall-manteniment tagħha u ta' wliedha jekk ir-raġel jirrifjuta li jagħtiha dawk l-alimenti. Ir-raġel huwa obligat iħallas dak is-self li jkun sar għall-manteniment ta' martu u ta' wliedu, għax inkella jkun qiegħed jarrikkixxi ruħu a spejjeż ta' ħadd ieħor.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni numru 623 tat-3 ta' Diċembru 1943, li biha l-attur, wara li qal li huwa silef lil Leonilda Vella, mart il-konvenut, is-somma ta' £30, għall-alimenti tagħha u ta' wliedha komuni mal-konvenut, f'żewġ ammonti ta' £10 u ta' £20 rispettivament fl-4 ta' Ottubru u fit-18 ta' Ottubru 1943; u li l-konvenut ġie interpellat debitament bl-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 1943, imma ma weġibx għal dik l-interpellazzjoni sabiex jagħti lura dawk l-ammonti; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-imsemmija somma ta' £30 dovuta għall-kawżi fuq indikati, u li għall-ħlas tagħha l-konvenut, bħala obbligat għall-alimenti lejn martu u wliedu, huwa tenut in forza ta' l-azzjoni "de in rem verso"; bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 1943, u bl-imgħax legali minn dik id-data;

*Omissis;*

Ikkunsidra;

Illi mill-provi jirriżulta li mart il-konvenut, Leonilda Vella, li tiġi oħt l-attur, fil-21 ta' Settembru tas-sena li għaddiet ħalliet id-dar tal-konvenut żewġha flimkien mas-sitt uliedha u wlied il-konvenut, li huma lkoll minorenni, għaliex il-

konvenut kien jittrattaha hażin hafna u jħalliha nieqsa mill-flus, u għaliex kien keċċiha 'l barra minn daru u kien sawwatha. F'dan iż-żmien li kienet separata "di fatto" mill-konvenut żewġha hija sselfet £30 minn għand l-attur huha, sabiex b'dawk il-flus taħseb għall-manteniment tagħha u għal dak ta' l-imsemmijin tfal tagħha minorenni;

Illi f'dak iż-żmien il-konvenut kien fl-obligu li jmantni lill-uliedu u anki lil-martu, għaliex dina titlef id-dritt għall-manteniment minn għand żewġha biss minħabba sentenza ta' separazzjoni li tkun ipprivatha minn dak id-dritt, jew meta hija tkun allontanat ruħha mid-dar ta' żewġha u tirrikuża, mingħajr ġusta kawża, li tirritorna fiha; mentri f'dan il-każ jirriżulta li keħha ġusta kawża biex ma tirritornax, għalkemm in segwitu dehrilha li għandha tagħmel paċi ma' żewġha u terġa' tmur f'daru u tibqa' fiha, avvolja, kif hija xehdet, baqa' jittrattaha hażin;

Illi mill-provi jirriżulta li t-£30 li sselfet il-mara tal-konvenut minn għand l-attur servew kollha għall-ikel tagħha u ta' wliedha u wlied il-konvenut, u għall-ilbies tagħhom, u għall-kura ta' xi wħud minnhom li kienu għadhom kif mardu bit-tifojde u kienu jirrikjedu dieta u kura speċjali għaliex kienu għadhom fil-konvalexxenza;

Illi għalhekk għal dak id-debitu kontratt mill-mara tal-konvenut biex tipprovdi għall-bżonnijiet tagħha u ta' l-ulied fuq imsemmija fiż-żmien illi l-konvenut inġustament allontanahom mid-domiċilju konjugali u rrikużalhom il-mezzi ta' l-eżistenza huwa tenut il-konvenut, għaliex huwa ma għandux jarrikkixxi ruħu għas-spejjeż ta' ħadd ieħor;

—Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.